# EPIGRAMMI

*Ta'* P. P. SAYDON

*(Jissoktaw ma' dawk li ħarġu fil-ħarġa ta' qabel)*

20

Meta kont bżonni sibtni dejjem miegħek
insejt? kull ma kelli kien qisu tiegħek.

21

Jekk trid issibu, fejn hemm il-qligħ fittxu,
fejn jidħol l-infiq żgur ma tarax wiċċu.

22

Dejjem tinsa jekk ma jaqbelx tiftakar,
bħal min stagħna wara li daq il-faqar.

23

Ja flus, flus, flus, kemm hawn min jarakom sbieħ;
kemm hawn min għalikom imqar ruħu jbigħ!

24

Flus, qerq u regħba bi kliemhom ma jaħmlux,
li jgħidu agħmlu, li jagħmlu la tagħmlux.

25

Hadt triq b'oħra, ħabib, għal kollox mitluf,
ma jiswewx flusek, għalkemm tgħoddhom bl-eluf.

26

Kuntent kif jien; le, le, ma ngħirx għalik;
x'nieħu minnek m'għandix, għandi x'nagħtik.

27

Sbieħ huma l-flus, xejn ma tara isbaħ minnhom;
qabar qżież qalbek fejn bl-għożża tidfinhom.

28

Ħa jgħidu n-nies bija! xejn ma jagħmluli,
l-aqwa li jibqgħu idejja jxaħħmuli.

29

'il Kristu sultan mill-Knejjes neħħew,
u floku bniedem tat-tiben għollew.

30

Nies tajba aħna nidħru sakemm jaqblilna,
imma ħażin għal min butna jmissilna.

31

Iblaħ min jemmen kull ma ngħidu aħna,
għax kulħadd iblah dejjem aħna rbaħna.

32

Ċapċap, għajjat, ifraħ, ja poplu agħma,
ma ddumx ma tibki bħal bniedem bla tama.

33

Ġlieda kienet ħajjti: rebħu l-għedewwa,
għax ħabbejt is-sewwa u dejjem bgħadt id-dnewwa.

34

Lilna ħelisna għax ħabbna l-Ingliż,
jew ħeles minna għax sirna għalih piż?

35

Isiefru huma u jgawdu fuq dah'rna,
Insiefru aħna u nbatu bogħod minn djarna.

36

Ġdur, qara' u basal, b''dawn mimlija Malta,
Għalhom sirna aħna li magħhom imħallta.

37

Ħafna kelllmuk, ma tafx 'il min sa tieħu,
Iswa, għax wara d-dnub mar kullħadd għal rieħu

38

Mħabba żera' Kristu, nibtet tengħuta,
Ġibnieha aħna l-mewt, mhix lilna mibgħuta.

39

Flus irrid mhux ġmiel, qal lill-ħuttab il-flien,
u flus sablu u mara ma tidher imkien.

40

Tbissima mqanżħa u warda dejjem fl-aċċetta,
nara wiċċek, qisha laqtitni sajjetta.

41

Għaqda u mħabba kienu l-ħajja tagħna,
firda u mibegħda issa dejjem magħna.

42

X'jiswew il-flus meta ma tafx tħaddimhom?
Ħsara jagħmlu lil ruħhom u ġisimhom.

43

Le ma rrid eluf anqas miljuni,
irrid irjus li jafu jmexxuni.

44

Titkabbar għax għandek x'tiekol illum,
u xejn ma taħseb kemm tiekol sa ddum.

45

Temmenx fil-kotra li ma' kull riħ iddur,
f'ħiltek biss emmen li sħiħ iżżomm daqs sur.

46

Li nkunu żgħar Kristu dejjem għallimna,
li nidhru kbar dejjem kemm flaħna ħdimna.

47

Loqma tistenna donnok kelb miġwieħ,
bis-sieq jagħtik u tgħidlu: Għall-erwieħ.

48

Qatt la temmen bniedem parlamentari,
għax li jgħid is-sewwa hi ħaġa rari.

49

Jiftaħar, jitkabbar min m'għandux fuqiex,
jinsatar, jinħeba min m'għandux għaliex.

50

Ma waqqgħulniex djarna fil-gwerra l-għedewwa,
waqqgħuhomlna niesna fil-paċi bid-dnewwa.

51

X'jiswew il-flus meta ma tafx tħaddimhom,
Rjus għandna bżonn li jagħtu l-ħajja minnhom.

52

Serq, qtil u żina, dawn il-ħajja tagħna,
b'qaddis miżmum min bid-dnewwa jistagħna.

53

Sbieħ nidhru minn barra, ġewwa ma jaraħ ħadd,
l-aqwa li ngawdu u sbieħ nidhru ma' kullħadd.

54

Merħla bhejjem magħluba, bla ruħ
għamluh il-poplu dawk li jmexxuh.

55

Itir id-dnub u minn fuqna jżul
u jibqa' biss fil-klieb u l-gremxul.

56

Sabiħa kont u minn kullħadd imfaħħra,
immaqdra issa u minn uliedek imħassra.

57

Konna xi darba nsara w ulied San Pawl,
illum tlifnieha l-fidi, sirna bla dawl.

58

X'ferħ nisimgħek titkellem *in quinci e quindi*!
mgħaġġeb intix wild Ruma jew wild l-Indi.

59

Ġdur ħawwlu u basal, tadam u qara' mwaħħar u bikri,
is-suq f'idejna, *quindi* lilna ħsara qatt ma tiġri.

60

Ħawwel kemm tiflaħ qara', basal u ġdur,
ħares lejja u li ngħidlek temmnu żgur.

61

Tagħjir u gideb huma l-arma tagħna,
jekk ma tinqalagħx qis ma tidħolx magħna.

62

Għalina issa li jgħodd, għada min rah?
Ħa ngawdu issa, ma nħallux min jisfrattah.

63

Naħsbu fil-poplu li dal-post rebbaħna?
Naħsbu fina nfusna għax poplu wkoll aħna.

64

Li kienet l-injcranza bħaż-żejt tixgħel,
Malta kollha tiddi b'rasek kont tagħmel.